MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 442/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**v.**

**Brian Micallef**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Brian Micallef ta' 23 sena, mwieled Pieta` nhar il-11 ta' Ottubru 1986, iben Joseph u Carmen nee` Zammit, residenti 4, Triq tal-Gnejna, Mgarr u detentur ta' karta ta' l-identita` bin-numru 479086M fejn gie akkuzat talli:

1. nhar it-12 ta' Lulju 2010 ghall-habta ta' 06.40am gewwa l-Mgarr, Malta minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra (senter) kontra l-

persuna ta' George Catania u dan ai termini tal-artikolu 339 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istes data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u jew theddid bil-fomm lil George Catania u dan ai termini tal-artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil George Catania bizgha li ser tintuza vjolenza kontrih, jew kontra l-proprjeta` tieghu, jew kontra l-persuna jew l-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 u dan ai terminu tal-artikolu 251B tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt il kien qieghed jaghmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti u dan ai terminu tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm ghandu f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu jew garr bara minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja mill-awtoritajiet kompetenti u dan ai terminu tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Ottubru, 2010 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd) u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 5(1) u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Brian Micallef hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 238A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' tnax (12)-il xahar mid-data tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imputat Brian Micallef minnu prezentat fit-22 ta' Ottubru 2010, li permezz tieghu talab lil

din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn l-appellant ma nstabx hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu stante li l-Qorti ma haditx konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza wara r-rinunzja tal-parte civile u tirrevokha fejn l-appelant instab hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba’ u l-hames akkuza u tirrevokaha wkoll fejn ikkundannatu ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena, kif ukoll fejn b’applikazzjoni tal-artikolu 23(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-arma tal-marka Browning semi-automatic bis-serial number N88355 u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorendo ikun il-kaz, subordinatament tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

L-imputat u George Catania kienu jaghmlu xi xoghol bi shab fil-gebel. Fit-12 ta’ Lulju 2010 George Catania ghamel il-hsieb li l-imputat ma kienx qieghed jagixxi sew mieghu u ghalhekk mar ifittxu d-dar tieghu u infurmah li ma kienx ser jibqa’ jahdem mieghu. Ghal dan id-diskors l-akkuzat irrabja u beda jghajjat. George Catania gabar l-ghodda tieghu u halla lill-imputat l-ghodda tal-imputat u gie biex jitlaq. Rikeb fil-karozza tieghu u l-imputat avvicinah u mit-tieqa tal-karozza qal xi diskors lil Catania li dan ma fehemx ghaliex dak il-hin kien startja l-karozza. Hawn l-imputat dahal d-dar izda x’hin  George Catania kien fil-karozza b’wiccu lejn id-dar tal-appellant Micallef ra lill-imputat hiereg b’xi haga f’idejh li George Catania jghid li kien senter. L-imputat mexa fid-direzzjoni ta’ George Catania u f’hin minnhom l-imputat refa s-senter u mmira lejn George Catania. L-imputat ma sparax. George Catania rriversja u telaq bil-karozza minn fuq il-post.

**7.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(1) illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija ghall-akkuzi addebitati lill-appellant b'mod li jista' jitqies *a safe and satisfactory conclusion*;

(2) illi ma seta' qatt jinstab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress li dak li gara f'dan il-kaz kien incident wiehed fejn l-appellant allegatament hedded lil George Catania u ma kienx hemm "imgieba" jew *course of conduct* kif mehtieg biex tkun tista' tinstab htija taht l-istess artikolu;

(3) il-piena kienet wahda eccessiva.

**8.** Dwar **l-ewwel aggravju**, li essenzjalment jikkonsisti filli din il-Qorti qed tigi mistiedna taghmel apprezzament tal-provi divers minn dak li ghamlet l-ewwel Qorti, il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Jekk din il-Qorti, izda, tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konkluzzjoni. Dan hu wkoll rikonoxxut fir-rikors tal-appell tal-appellant. Fil-kaz odjern din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' hi stess *viva voce* lill-persuna allegatament vittma tar-reati addebitati lill-appellant, u cioe' lil George Catania, u allura qieghdha f'pozizzjoni ahjar mis-soltu sabiex taghmel apprezzament hi stess tax-xiehda tieghu. L-appellant ma xehedx quddiem din il-Qorti ghaliex kien prekluz bil-ligi milli jixhed peress li ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti[1].

**9.** Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant stqarr li xtaq jixhed quddiem l-ewwel Qorti bhal ma xtaq jixhed missieru izda dawn ma xehedux peress li l-avukat difensur taghhom ghazel li ma kellhomx ghalfejn jixhdu u dan

[1] Art. 424 tal-Kodici Kriminali

minghajr ma informa lill-appellant. L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu talab lil din il-Qorti sabiex kemm hu kif ukoll missieru jixhdu quddiem din il-Qorti izda ma insistiex fuq dik it-talba fl-udjenzi li saru quddiem din il-Qorti u anqas gew prodotti provi in sostenn tal-fatti presupposti ghat-talba tieghu. Fi kwalunkwe kaz, ir-ragunijiet moghtija fir-rikors tal-appell in sostenn tat-talba ma jikkonfigurawx f’ebda wiehed mill-paragrafi (a) u (b) tal-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk fi kwalunkwe kaz it-talba kienet insostenibbli.

**10.** Meta xhed George Catania quddiem din il-Qorti dan stqarr li huwa u l-appellant kienu jahdmu flimkien fil-gebel izda kellhom xi jghidu u Catania iddecieda li ma jibqax shab mal-appellant. Huwa mar ghand l-imputat u meta Catania allega li l-appellant ma kienx qieghed jimxi sew mieghu l-appellant u hu tlewmu u l-appellant rrabja u tkellem b’lehen ftit gholi u qallu l-kliem “m’intix ragel” izda la heddu bil-fomm u anqas insultah. George Catania dahal f’kamra magemb id-dar tal-appellant, minn hemm, gabar l-ghodda tieghu, hareg, dahal fil-karozza tieghu u x’hin beda jirriversja ra lill-appellant hiereg b’senter minn gol-bieb tad-dar u mexa fid-direzzjoni tieghu u f’hin minnhom rah jerfa s-senter u jimmira lejh izda ma sparax. Catania imbghad saq lejn id-dar.

**11.** George Catania xehed b’mod konsistenti u kien kategoriku li dak li ra f’idejn l-appellant kien senter u mhux semplicement kanna. Huwa seta jarah car minn faccata ghaliex il-karozza tieghu kienet bil-quddiem taghha thares lejn l-appellant, tant li George Catania kellu jsuq bir-*reverse*. In kontro-ezami Catania xehed li huwa kien gie muri senter u gharfu bhala dak li kellu f’idejh l-appellant dakinhar. Huwa cahad li dak li ra kienet kanna u xehed “Senter zgur kien”. Fuq mistoqisjiet tal-Qorti Catania zied li missier l-appellant kien hareg biex izomm lit-tifel u qallu “tghamillix kummidji u buzillotti” u zammu minn idu.

**12.** Xehed ukoll l-Ispettur Edmund Cuschieri izda l-parti l-kbira tax-xhieda tieghu hija *detto del detto*. Hawnhekk il-Qorti tirrimarka li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni setghu

kienu hafna ahjar u l-fatt li d-difiza tezenta lill-prosekuzzjoni milli ggib certu provi ma jezentahiex mill-obbligu taghha li tipproduci l-ahjar prova li l-kaz jippermetti. L-Ispettur xehed li qabel ma saret l-istqarrija l-appellant inghata l-opportunita’ li qabel jwiegeb id-domandi tal-pulizija jitkellem ma’ avukat izda kien irrifjuta li jaghmel dan. L-Ispettur Cuschieri tenna li kemm Catania kif ukoll l-appellant baqghu isostnu l-pozizzjoni taghhom b’ta’ l-ewwel jghid li l-appellant kellu senter semi-automatic f’idejh waqt li t-tieni, u cioe’ l-appellant, isostni li f’idejh kellu biss kanna.

**13.** Fl-istqarrija tieghu lill-pulizija, li dwarha l-appellant ma ssolleva ebda kwistjoni, l-appellant cahad li huwa f’xi hin qabad senter u bih hedded lil George Catania izda stqarr li huwa qabad biss kanna u gie missieru u zammu. Huwa qal li lil certu Clifford seta qallu li ried joqtol lil George izda zied li “dik ghedta hekk f’sahna ta’ demm”.

**14.** Tenut kont tal-istat tal-provi din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tistrih fuq dak li xehed bil-gurament quddiemha x-xhud George Catania u ghalhekk tikkonkludi li gie pruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni li fic-cirkostanzi ta’ post, data u hin msemmija fl-imputazzjoni l-appellant qabad arma tan-nar u ppuntha fid-direzzjoni ta’ George Catania.

**15.** Il-Qorti sejra issa telenka fil-qosor l-imputazzjonijiet kontra l-appellant u tigbed il-konkluzjonijiet taghha skont il-provi prodotti.

*L-ewwel imputazzjoni*: hedded … bi hwejjeg ohra iebsin, … jew qabad armi ohra (senter) kontra l-persuna ta’ George Catania ai termini tal-artikolu 339(b) tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ewwel Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit rigward din l-imputazzjoni stante rinunzja ta’ George Catania u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta’ din l-imputazzjoni. Ma kienx hemm appell mill-prosekuzzjoni. Ghalhekk dwar din l-imputazzjoni is-sentenza appellata ma taqax biex tigi rikunsidrata f’din l-istanza u fir-rigward ta’ dan ir-reat is-sentenza appellata ser tigi konfermata.

*It-tieni imputazzjoni*: ghamel ingurji u theddid bil-fomm lil George Catania ai termini tal-artikolu 339(e) tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti ddikjarat li “ssib lill-imputat hati tat-tieni (2)… akkuza” u t-tieni imputazzjoni skont ic-citazzjoni hija proprju din l-imputazzjoni ta’ “ingurji u jew theddid bil-fomm lil George Catania ai termini tal-artikolu 339 e tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Fis-sentenza appellata, izda, l-ewwel Qorti ma indikatx l-artikolu tal-ligi li johloq dan ir-reat kif obbligata taghmel ghat-tenur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan igib in-nullita’ tas-sentenza appellata fejn din sabet htija tal-imputazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ser tipprocedi dwar din l-imputazzjoni kif previst fl-artikolu 428(3) tal-Kap 9 billi thassar is-sentenza appellata fejn sabet htija ta’ din l-imputazzjoni u tghaddi sabiex tikkunsidra l-istess imputazzjoni fil-mertu. Din l-imputazzjoni hi rinunzjabbli mill-kwerelant ghat-tenur tas-subartikolu (2) tal-artikolu 339 imsemmi. L-ewwel Qorti kkonstatat li kien hemm ir-rinunzja da part tal-parti civili George Catania u ghalhekk din l-imputazzjoni ghandha titqies li giet rinunzjata mill-istess George Catania. Ghall-motivi msemmija din il-Qorti qed tiddikjara l-procediment dwar it-tieni imputazzjoni ezawrit u sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

*It-tielet imputazzjoni*: ksur ta’ bon ordin jew il-kwiet tal-pubbliku. Ghalkemm irrizulta li kien hemm xi ghajjat da parti tal-appellant, George Catania meta mistoqsi “Meta tghid jghajjat, kien jitkellem livell ta’ ton ta’ lehen jew kien storbjuz?” Catania wiegeb “U le hekk normali, bhal meta jien naf mhux dak l-ghajjat esagerat qed tifhem”. Il-Qorti ghalhekk ma hix sodisfatta li l-htija tal-appellant ghal dan ir-reat giet pruvata minghajr dubbju dettat mir-raguni skont il-ligi u peress li l-ewwel Qorti sabet htija ta’ dan ir-reat din il-Qorti ser tirriforma s-sentenza appellata f’dan ir-rigward billi tiddikjara lill-imputat mhux hati tieghu u minnu sejra tilliberah.

*Ir-raba’ imputazzjoni*: ikkaguna lil George Catania bizgha li ser tintuza vjolenza kontrih, jew kontra l-proprjeta’ tieghu … ai termini tal-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali. Din l-imputazzjoni ser tigi kunsidrata separatament meta l-Qorti tikkunsidra it-tieni aggravju tal-appellant.

*Il-hames imputazzjoni*: waqt li kien jaghmel reat kontra l-persuna ... kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari ...: Il-Qorti ser taghmel il-kunsiderazzjonijet taghha dwar din l-imputazzjoni wara li tkun ikkunsidrat ir-raba‘ imputazzjoni li tikkoncerna delitt kontra l-persuna.

*Is-sitt imputazzjoni*: zamma ta’ arma tan-nar minghajr licenzja gewwa fond jew barra minn xi fond ai termini tal-artikolu 5(1) tal-Kap. 480. L-ewwel Qorti, ghalkemm fis-sentenza taghha ccitat l-artikolu 5(1) u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta‘ Malta, ma sabitx htija ta’ din l-imputazzjoni u peress li ma sarx appell mill-Avukat Generali s-sentenza appellata ser tigi konfermata wkoll f’dan ir-rigward. Fi kwalunkwe kaz ma giet prodotta ebda prova skont il-ligi tan-nuqqas ta‘ licenzja ghaz-zamma tal-armi esibiti.

**16.** Ser issa jigi kunsidrat **it-tieni aggravju** tal-appellant b’riferenza ghar-reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali. F’dan ir-rigward l-appellant isostni li dak li gie ppruvat fil-konfront tieghu sehh f’okkazzjoni unika u ghalhekk l-imgieba tieghu ma setghet qatt twassal ghal sejbien ta‘ htija tar-reat kontemplat fl-artikolu msemmi peress li skont l-appellant “l-imgieba li tissemma fis-subartikolu (1) tieghu timplika ta‘ l-anqas zewg okkazzjonijiet. In sostenn tat-tezi tieghu l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta‘ din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Raymond Parnis tal-24 ta‘ April 2009. F’dik is-sentenza gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi “on at least two occasions“. Ma’ dan taqbel din il-Qorti kif preseduta.

**17.** Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma’ dik is-sentenza huwa fejn jinghad li il-frazi “on at least two occasions“ thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali “Ghal xi raguni ... kompletament illogika“. Dak li hu verament illogiku ma hux l-ommissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-ommissjoni ta’ dak l-element hu

logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat thallew il-kliem “on each of those occasions“[2] minkejja l-omissjoni tal-frazi “on at least two occasions“. B’danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem “on each of those occasions”, li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f’aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta’ interpretazzjoni ta’ dispozizzjoni penali, trid necessarjament taghti effett lit-tifsira naturali ta‘ dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta‘ tieghu wara s-sentenza msemmija ta‘ din il-Qorti diversament preseduta. Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f‘mhux anqas minn zewg okkazzjonijiet. Billi, kif sewwa irrileva l-appellant, dak li gie pruvat fil-konfront tieghu sehh f’okkazzjoni wahda din il-Qorti sejra ghalhekk tilqa‘ it-tieni aggravju tal-appellant u sejra tilliberah ukoll minn din l-imputazzzjoni.

**18.** F’dan l-istadju l-Qorti ser tikkunsidra il-hames imputazzjoni li l-Qorti kienet ipposponiet il-kunsiderazzjoni taghha. Din l-imputazzjoni tikkoncerna r-reat ta‘ min waqt li kien jaghmel reat kontra l-persuna ... kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari. Din l-imputazzjoni tippresupponi sejbien ta‘ htija ta‘ reat kontra l-persuna. Peress li l-Qorti ma hi ser issib htija fl-appellant ta‘ ebda reat kontra l-persuna anqas tista‘ ssib htija da parti tieghu ta‘ din l-imputazzjoni u ghalhekk sejra minna tilliberah.

**19.** Finalment, in konnessjoni mat-**tielet aggravju** tal-appellant dwar il-piena, il-Qorti, in vista‘ tal-konkluzjonijiet minna raggunti f’din is-sentenza li biha ma hi ser issib ebda htija da parti tal-appellant il-Qorti trid necessarjament tilqa‘ dan l-aggravju u sejra thassar il-piena inflitta mill-ewwel Qorti.

[2] Fit-test Malti “kull darba minn dawk l-okkazjonijiet”

Ghaldaqstant, ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi (1) thassarha fejn sabet lill-appellant Brian Micallef hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjara procediment ezawrit dwar dik l-imputazzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha (2) thassarha wkoll fejn sabet lill-appellant Brian Micallef hati tat-tielet, ir-raba‘ u tal-hames imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati taghhom u minnhom tilliberah (3) konsegwentement thassar ukoll is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-appellant Brian Micallef ghall-piena ta‘ sitt xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta gew sospizi ghal perjodu ta‘ tnax (12)-il xahar mid-data tas-sentenza appellata u fejn b’applikazzjoni tal-artikolu 23(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta‘ Malta tal-arma tal-marka Browning semi-automatic bis-serial number N88355 liema arma giet esibita fl-udjenza tas-27 tal-Lulju 2010 quddiem l-ewwel Qorti u mmarkata bhala Dok EC1 (4) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u b’hekk tillibera lill-appellant Brian Micallef minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------